MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 3/2005

Carmela Muscat, u
Antoinette Said.

vs

Alfred Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġu kkundannat minn din il-Qorti sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombra miż-żewġ porzjonijiet art hemmhekk imsemmija, li jinsabu validament mqabbla lill-istess atturi, u li l-konvenut qed jokkupa mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 505/97.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, peress li qabel xejn l-attriċi trid tipprova t-titolu tagħha sabiex tkun tista' tippromwovi din l-azzjoni u fi kwalunkwe każ l-eċċipjenti jinsab jokkupa l-istess raba b'titolu ta' lokazzjoni.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat ukoll l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 505/1997 fl-istess ismijiet quddiem din il-Qorti fil-kompetenza superjuri tagħha, liema atti ġew allegati bid-digriet tagħha tas-6 ta' Mejju 2005.

Rat il-verbal tagħha tal-31 ta' Jannar 2008, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża fejn l-atturi qegħdin ifittxu li l-konvenut jiġi żgumbrat minn żewġ biċċiet raba, deskritti fl-Avviż u murija fuq is-*site plan* u pjanta annessi ma' l-istess Avviż.[1] Huma jallegaw li l-konvenut qed jokkupa dan ir-raba mingħajr titolu validu fil-liġi.

Il-konvenut da parti tiegħu isostni illi, apparti li l-atturi jridu qabel xejn jipprovaw it-titolu tagħhom sabiex jippromwovu din il-kawża, huwa stess għandu titolu ta' lokazzjoni fuq ir-raba in kwistjoni.

Ġara illi dawn il-biċtejn raba kienu mikrijin lil Joseph Muscat, ir-raġel ta' l-attriċi Carmela Muscat, u kienu jffurmaw parti minn territorju akbar li tiegħu kien jiġbor il-qbiela bħala l-gabillott ċertu Ganni Portlelli, li da parti tiegħu kien iħallas il-qbiela dovuta fuq id-diversi porzjonijiet ta' dan it-territorju li ċertu Franco Tabone bħala prokuratur tas-sidien, u sussegwentement, wara li

[1] A fol. 3 u 4 tal-process

dan it-territorju inxtara mis-soċjeta' Bingemma Properties Limited, lill-avukat Dottor Alfred Grech għan-nom tagħha.[2]

Wara li ġie nieqes Joseph Muscat, ir-raba in kwistjoni għamel xi żmien mitluq, għalkemm il-qbiela baqgħet dejjem tibqa' titħallas. Imma jidher illi oħt il-mejjet f'dan il-perijodu ippermettiet lill-konvenut sabiex jagħmel użu mill-istess raba, u l-konvenut jgħid ukoll li gab l-awtorizzazzjoni mill-avukat Dottor Alfred Grech biex jagħmel hekk.

Meta mbagħad irritornat mis-safar l-attriċi l-oħra Antoinette Said, ommha attorizzat lilha u lil żewġha sabiex jibdew jaħdmu din ir-raba huma. Meta imbagħad marru biex jagħmlu hekk, sabu lill-konvenut jallega li r-raba in kwistjoni kienet ġiet imqabbla lilu.

Għalhekk kellu jsir il-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq imsemmi, sabiex il-konvenut jinżamm milli jibqa' jidħol fl-istess raba sakemm tiġi deċiża din il-kwistjoni.

Madankollu l-konvenut ma ġab ebda prova ta' dak li qed jallega, ħlief li pproduċa lid-difensur tiegħu sabiex jikkonferma li jista' jkun li kien awtorizzah jidħol fl-istess raba. B'daqs hekk pero' m'hemm xejn konkret li jindika illi dawn il-biċtejn raba kienu ġew f'xi mument jew ieħor imqabbla lilu u jidher biss illi l-okkupazzjoni ta' din ir-raba da parti tal-konvenut kienet qed issir biss b'sempliċi tolleranza, sakemm kienu għadhom jinsabu temporanjament battala.

Fil-mori tal-kawża rriżulta wkoll illi l-attriċi Antoinete Said u żewġha xtraw ir-raba in kwistjoni biex illum għandhom ukoll titolu ta' proprjeta' fuqha.[3]

F'dawn iċ-ċirkostanzi, billi l-konvenut ma rnexxielux jipprova t-titolu ta' lokazzjoni fuq ir-raba mertu tal-kawża, ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda.

---

[2] ara kopji tar-ricevuti relativi esebiti a fol. 29 - 39
[3] kopja tal-kuntratt ta' bejgh in atti Nutar dottor Joanne Cauchi tat-12 ta' Jannar 2006 esbeita fol. 40 -42 tal-process

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tordna lill-konvenut jiżgumbra mir-raba deskritta fl-Avviż u murija fuq is-*site plan* u pjanta annessi ma' l-istess Avviż, fi żmien xahar mill-lum.

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------